MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2003

Numru 907/2002

**Il-Pulizija**
**(Spettur Michael Mallia)**

**vs**

**Annabelle Abela**

**Owen Mallia**

**Christopher Camilleri**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi kontra l-imputati:

Annabelle Abela ta’ 20 sena bint George u Christine nee’ Azzopardi imwielda Pieta’ u residenti Flt. 13, Binja San

David, Mtarfa - detentur ta’ karta ta’ identita numru 397682(m);

Owen Mallia ta’ 19-il sena bin Alfred u Catherine nee Grima imwieled Pieta u residenti Plot 24, Triq Sir Temi Zammit, Mtarfa – detentur ta’ karta ta’ identita numru 338083m;

Chritopher Camilleri ta’ 17-il sena bin Louis u Rita nee Grima imwieled Pieta u residenti numru 5, Binja Qlejgha, Mtarfa – detentur ta’ karta ta’ identita numru 480785m;

Akkuzati talli:-

1. fit-12 ta’ Marzu 2002 u fis-snin ta’ qabel din id-data b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b’rizoluzzjoni wahda, ai termini ta’ l-Artikolu 18 tal-Ligijiet ta’ Malta, Kap 9:
1.i. fil-lejl ta’ bejn l-10 u l-11 ta’ Novembru 2001, bil-lejl, f’binja Santa Lucija, Mtarfa, ikkommettew serq ta’ diversi oggetti fosthom gugarelli, flus kontanti, kif ukoll stereo tal-ghamla mhux maghrufa, li l-valur taghhom jeccedi l-Lm1000, mill-fond bl-isem Roy’s Store, sitwat f’Binja Sta. Lucija, Mtarfa, liema serq huwa kwalifikat bil-mezz, valur u hin, u liema serq sehh ghad-dannu ta’ John Sammut;

1.ii. fil-lejl ta’ bejn il-11 u 12 ta’ Novembru 2001, bil-lejl, f’Misrah il-Parrocca ir-Rabat, Malta, ikkommettew serq ta’ somma flus u oggetti ohra fosthom sigaretti u radio ta’ l-ghamla Sony, li l-valur taghhom jeccedi s-somma ta’ Lm100 izda anqas minn Lm1000 minn gol-kazin tal-Futboll tar-Rabat sitwat f’Misrah il-Parrocca, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, hin u valur, ghad-dannu tal-Kumitat ta’ l-istess kazin u/jew ta’ Grazio Tanti;

1.iii. fil-lejl ta’ bejn it-22 u t-23 ta’ Settembru 2001, bil-lejl, minn taht is-swar ta’ l-Mdina fir-Rabat, ikkommettew serq ta’ vettura ta’ l-ghamla Opel Corsa, bin-numru ta’ registrazzjoni CAM 768, li hija stmata li tiswa aktar minn Lm100 izda anqas minn Lm1000, liema serq huwa

kkwalifikat bil-hin, valur u bix-xorta tal-haga misruqa u dan ghad-dannu ta' Simon Ciantar;

1.iv. fil-lejl ta' bejn id-29 u t-30 ta' Ottubru 2001, bil-lejl, fi Triq Had-Dingli, Rabat, Malta ikkommettejtu serq ta' vettura ta' l-ghamla Aiston Mini, bin-numru ta' registrazzjoni DAF 023, li hija stmata li tiswa aktar minn Lm100 izda anqas minn Lm1000, liema serq huwa kwalifikat bil-mezz, hin, valur u bix-xorta tal-haga misruqa u li sehh ghad-dannu ta' Maria Concetta Azzopardi;

1.v. fl-10 ta' Novembru 2001, bil-lejl, fi Triq Ghan Qajjiet, Rabat, Malta, ikkommettew serq ta' vettura ta' l-ghamla Austin Mini, bin-numru ta' registrazzjoni GAD 596, li hija stmata li tiswa aktar minn Lm100 izda anqas minn Lm1000, liema serq huwa kwalifikat bil-mezz, hin, valur u bix-xorta tal-haga misruqa u li sehh ghad-dannu ta' Paul Sammut;

1.vi. fil-lejl ta' bejn it-18 u d-19 ta' Novembru 2001, fil-lejl, fl-'Ghalqa ta' Kola', Wesa' tal-Muzew, Rabat, Malta, ikkommettew serq ta' vettura ta' l-ghamla Hillman Avenger, bin-numru ta' registrazzjoni KAN 116, li hija stmata li tiswa aktar minn Lm100 izda anqas minn Lm1000, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, hin, valur u bix-xorta tal-haga misruqa u li sehh ghan-dannu ta' Noel Cachia;

1.vii. fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi, volontarjament gharrqu, jew ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' il-vettura tal-ghamla Hillman Avenger, bin-numru ta' registrazzjoni KAN 116 ghad-dannu ta' Noel Cachia liema ammont tal-hsara ma jiskorrix il-Lm500 izda izjed minn Lm50;

1.viii. fit-18 ta' Dicembru 2001, bil-lejl, fi Triq tal-Bajtar, limiti Rabat, Malta, ikkommettew serq ta' vettur ta' l-ghamla Morris Minor, bin-numru ta' registrazzjoni JAH 667, li hija stmata li tiswa aktar minn Lm100 izda anqas minn Lm1000, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, hin, valur u bix-xorta tal-haga misruqa u li sehh ghad-dannu ta' Alfred Buttigieg;

1.ix. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament gharrqu u ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' il-vettura tal-ghamla Morris Minor, bin-numru ta' registrazzjoni JAH 667 ghad-dannu ta' Alfred Buttigieg, liema ammont ta' hsara ma jiskorrix il-Lm500 imma izjed minn Lm50;

**2. kontra Owen Mallia u Christopher Camillei wahedhom talli:**

2.i. fil-lejl ta' bejn is-26 u 27 ta' Settembru 2001, bil-lejl, fi Triq il-Kbira l-Mosta ikkommettew serq ta' vettura ta' l-ghamla Ford Escort, bn-numru ta' registrazzjoni LAE 068 li l-valur taghha teccedi s-somma ta' Lm100 izda anqas minn Lm1000, liema serq huwa kwalifikat bil-mezz, hin, valur u bix-xorta tal-haga misruqa u li sehh ghad-dannu ta' Mario Farrugia;

2ii; fil-lejl ta' bejn it-18 u 19 ta' Jannar 2002, bil-lejl, fi Triq il-Buqqanier, Mosta, kkommettew serq ta' mutur ta' l-ghamla Yamaha 125, bin-numru ta' registrazzjoni FAR 652, li l-valur tieghu jeccedi s-somma ta' Lm100 izda anqas minn Lm1000, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, hin, valur u bix-xorta tal-haga misruqa u li sehh ghad-dannu ta' Patrick Smith;

2.iii. fix-xhur ta' qabel it-12 ta' Marzu 2002, matul il-gurnata, fi Triq San David, Mtarfa, ikkommettew serq ta' zewg generators u set tal-welding tat-tip CO2, li huma stmati li jiswew aktar minn Lm1000 minn go vettura ta' l-ghamla Ford Transit Mk.2, bin-numru ta' registrazzjoni mhux maghruf, liema serq hu kwalifikat bil-valur u bix-xorta tal-haga misruqa u li sehh ghad-dannu ta' persuni mhux maghrufa;

3. **kontra Owen Mallia wahdu talli**

3.i. fil-lejl ta' bejn is-6 u s-7 ta' Jannar 2002, bil-lejl, fi Triq Andrea Bogdam, Zebbug, ikkommetta serq ta' mutur ta' ghamla Yamaha 250, bin-numru ta' registrazzjoni FAA

231, li l-valur tieghu jeccedi s-somma ta’ Lm100 izda anqas minn Lm1000, liema serq huwa kwalifikat bil-mezz, hin u bix-xorta tal-haga misruqa u li sehh ghad-dannu ta’ Anthony Mallia;

3.ii. sar recidiv ai termini tal-Artikolu 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

3.iii. kiser il-provvediment tal-“probation” Art. 9 tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’sentenza moghtija mill-Magt. Dr. C. Peralta LL.D. fis-16 ta’ Frar 2000, fejn kien misjub hati ta’ reat u lliberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett snin;

3.iv. ikkommetta reat waqt il-perjodu operattiv ta’ sentenza lilu moghtija nhar l-20 ta’ Lulju 2001;

4. **kontra l-akkuzi kollha talli:**

4.i. f’dawn l-ahhar snin f’dati, f’hinjiet u cirkostanzi differenti, xjentement laqaw ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat, sew jekk sar f’Malta kif ukoll barra minn Malta, jew xjentement b’kull mod li jkun, indahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom, liema oggetti misruqin gew minn reati ta’ serq kwalifikat bil-valur, mezz, hin u xorta tal-haga misruqa.

Semghet lill-imputati jammettu l-akkuzi seduta stante f’liema ammissjoni ppersistew anka wara li nghataw ftit zmien sabiex jikkusidraw u l-qorti spjegatilhom il-konsegwenzi tal-ammissjoni.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

**Ikkonsidrat:**

Li stante l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tal-imputati li ppersistew fiha wara li din il-qorti taghthom zmien jikkunsidraw u billi ghalhekk il-fatti kif dedotti fic-

citazzjoni huma ammessi, l-qorti ser tghaddi minnufih sabiex tapplika l-piena.

Dwar il-piena, ikkonsidrat, l-eta tal-imputati u l-fatt li l-ammissjoni giet registrata minnhom fl-ewwel opportunita. Izda trattati l-akkuzi s-serjeta taghhom hija manifesta stante l-ammont sostanzjali ta’ serq li bihom huma akkuzati. F’dan il-kuntest il-qorti ser teskludi r-reat ta’ ricettazzjoni li ghalkemm distint u separat minn dak tas-serq hu in alternattiva ghalih. Dwar is-serq l-imputati flimkien huma akkuzati ta’ seba serqiet kemm minn residenzi u vetturi. L-imputati Owen Mallia u Christopher Camilleri huma addizjonalment akkuzati ta’ tlett serqiet ohra u Owen Mallia ta’ serqa ohra minbarra li hu akkuzat li sar recidiv u li kiser ordni ta’ probation.

Illi komputata l-piena fid-dawl tal-aggravji tas-serq u l-Artikolu 18 tal-Kap 9 huma passibbli ghal bejn disa xhur sa hames snin prigunerija apparti l-imputat Owen Mallia li minhabba r-recidiva biss u passibbli bejn tlettax-il xahar sa sitt snin prigunerija apparti dik il-piena ta’ prigunerija ohra billi ghamel dawn ir-reati meta kien isufriwixxa mill-Art. 9 tal-Kap 152.

Illi wara li hasbet fit-tul stante l-eta u l-fedina penali netta tal-imputati l-ohra minbarra Owen Mallia li pero qieghed jahdem u ghalhekk ikun forsi opportun li jinghata l-ahhar opportunita sabiex jirrijabilita’ kompletament u rat l-Artikolu 261(b)(c)(f)(g), 264, 267, 269(g), 270, 278,(2)(3), 279(a), 280(2), 325, 18, 31 u 17(h) fil-konfront tal-imputati kollha u in aggjunta l-Artikolu 49 u 50 tal-Kap 9 u l-Artikolu 10 tal-Kap 152 fil-konfront tal-imputat Owen Mallia qeghdha fil-waqt li ssib l-imputati kollha hatja tal-akkuzi kontrihom dedotti, tikkundannhom kif isegwi:

- lill-imputati Annabelle Abela billi tpoggiha taht ordni ta’ probation ghal zmien tlett snin millum taht il-harsien tal-ufficjal tal-probation taht id-disport tal-Artikolu 5 tal-Kap 152 u skond l-annessa ordni li ghandha tifforma parti minn din is-sentenza;

- lill-imputat Christopher Camilleri billi tpoggih taht ordni ta' probation ghal zmien tlett snin millum taht l-harsien tal-ufficjal tal-probation taht id-disport tal-Artikolu 5 tal-Kap 152 u skond l-annessa ordni li ghandha tifforma parti minn din is-sentenza;

- lill-imputat Owen Mallia billi tpoggih taht ordni ta' probation ghal zmien tlett snin millum taht il-harsien tal-ufficjal tal-probation Carmen Nygard taht id-disport tal-Artikolu 5 tal-Kap 152 u skond l-annessa ordni li ghandha tifforma parti minn din is-sentenza.

--------------------------------TMIEM--------------------------------